MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 2/2003

**Avviz numru 2/03 DM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Francis Agius, Diane Xerri, Lora Xerri u Dr. Richard Sladden u l-PL Hilda Ellul Mercer appuntanti kuraturi deputati b'digriet tat-8 ta' Awissu, 2002, sabiex jirraprezentaw lill-minuri Yana Scerri u Dr. Richard Sladden nominat b'digriet tal-11 ta' Frar, 2003, kuraturi deputati biex jirraprezentaw il-minuri Lee Mark Agius.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab il-kundanna tal-konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u dsatax-il lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm2,219.39) ammont dovut mill-konvenuti lis-socjeta'

attrici fuq ‘loan account’ numru 061-130001-300 bl-interessi tat-8% fis-sena mit-22 ta’ Settembru, 2000.
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-24 ta’ Lulju, 2001, bl-interessi, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Dr. Richard Sladden u PL Hilda Ellul Mercer bhala kuratuti deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri Yana Scerri u l-minuri Lee Mark Agius fejn eccepew illi :
1. L-eccipjenti m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadu ulterjuri.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Agius fejn eccepixxa illi :

a. It-talba fil-konfront ta’ l-esponent hi purament vessatorja stante li hu dejjem onera l-obbligi tieghu ;
b. L-esponent qatt ma gie notifikat b’ittra ufficjali u/jew pretensjonijiet tal-bank attrici stante li ma jirresjedhiex fil-‘flat’ li jinsab il-Qawra ;
c. Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent m’ghandux ibati, jekk ikun il-kaz ghan-nuqqassijiet ta’ haddiehor u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.
d. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat illi:-

Mid-dokumenti minnhom esebiti, jirrizulta ampjament illi l-atturi, b’ *sanction letter* tas-26 ta’ Settembru ta’ l-1997, kienu avanzaw b’ self lill-konvenut Francis Agius u lil Speranza Grace Xerri flimkien, somma ta tlett telef liri (LM3000) li kellha tithallas lura skond il-kundizzjonijiet

miftehma fl-istess *sanction letter* iffirmata u accettata mill-istess konvenut Francis Agius u minn Speranza Grace Xerri

Jirrizulta wkoll illi d-debitrici Speranza Grace Xerri mietet fit-22 ta' Settembru ta' l-1999 u li l-wirt taghha ghadda fuq il-konvenuti l' ohra Diane Xerri, Lora Xerri, Iana Xerri u Lee Mark Agius.

Ghalkemm il-konvenut jeccepixxi illi huwa ma gie qatt notifikat bl-intenzjoni tal-bank illi jitlob il-hlas lura tal-bilanc dovut, u li l-bank attur ma kellu ebda raguni ghaliex jagixxi kontra tieghu, jirrizulta illi s-self kien sar bil-kundizzjoni specifika li kellu jithallas kollu fi zmien hames snin sad-19 ta' Settembru tas-sena 2002 u inoltre jirrizulta wkoll illi l-konvenut kien gie notifikat legalment b' ittra ufficjali ta' l-24 ta' Lulju, 2001.

Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' ebda kontestazzjoni dwar il-*quantum* tal-bilanc illi ghadu dovut lil bank attur, il-Qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti u tiddikjara li l-konvenuti *in solidum* bejniethom ghadhom debituri ta' l-atturi fis-somma mitluba ta' elfejn, mitejn u dsatax-il lira Maltin u disgha u tletin centezmu (**LM 2,219.39c).**

Ghaldaqstant qeghdha tilqa' t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikat fl-avviz qed tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lil atturi s-somma mitluba ta' elfejn, mitejn u dsatax-il lira Maltin u disgha u tletin centezmi (LM 2,219.39 c), bl-imghaxijiet legali b' effett mit-3 ta' Jannar, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------